SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

9 ta' Diċembru 2010 *

Fil-Kawża C-241/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-cour d'appel de Bruxelles (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Ġunju 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Lulju 2009, fil-proċedura

Fluxys SA

vs

Commission de régulation de l'électricité et du gaz (CREG),

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, K. Schiemann, L. Bay Larsen, C. Toader (Relatur) u A. Prechal, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,
Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-17 ta' Ġunju 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Fluxys SA, minn R. Gonne, avukat,

— għall-Commission de régulation de l'électricité u du gaz (CREG), minn L. Cornelis u P. de Bandt, avukati,

— għall-Gvern Belġjan, minn M. Jacobs, bħala aġent, assistita minn J.-F. De Bock, avukat,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, bħala aġent,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn L. Seeboruth, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn O. Beynet u B. Schima, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 1, 2 u 18 tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230 u — r-rettifika — ĠU 2004, L 16. p. 75), kif ukoll tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1775/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Settembru 2005, dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali (ĠU L 289, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Fluxys SA (iktar 'il quddiem "Fluxys", impriża inkarigata bl-amministrazzjoni tan-network ta' trasport ta' gass naturali fil-Belġju, u l-Commission de régulation de l'électricité et du gaz (CREG) dwar id-deċiżjoni ta' din tal-aħħar tas-6 ta' Ġunju 2008, li tistabbilixxi t-tariffi tat-trasport

tal-gass intiż sabiex jiġi ddistribwit fis-suq nazzjonali għall-perijodu bejn l-2008 sal-2011.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/55 jipprovdi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli komuni għat-trasmissjoni, id-distribuzzjoni, il-fornitura u l-ħażna tal-gass naturali. Tistabbilixxi r-regoli li jirrelataw għall-organizzazzjoni u l-iffunzjonar tas-settur tal-gass naturali, aċċess għas-suq, il-kriterji u l-proċeduri li japplikaw għall-għotja ta' awtorizzazzjoni għat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni, fornitura u l-ħażna tal-gass naturali u l-operazzjoni tas-sistemi."

4 L-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2003/55 jiddefinixxi, għall-finijiet tagħha, il-kunċett ta' "tranżmissjoni" kif ġej:

"'tranżmissjoni' tfisser it-trasport tal-gass naturali minn pipelinenetwerk ta' pressa għolja li mhix upstream pipelinenetwerk bi skop li jiġi kkonsenjat lill-klijent, iżda li ma jinkludix il-fornitura".

5 L-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2003/55 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jaċċertaw l-implimentazzjoni ta' sistema ta' aċċess ta' terzi għas-sistema tat-trasmissjoni u tad-distribuzzjoni, u l-faċilitajiet tal-[gass naturali mdewweb] a bażi ta' tariffi ppubblikati, li japplikaw għall-klijenti kollha eliġibbli, inklużi l-impriżi tal-fornitura, u applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskrkiminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li dawn it-tariffi, jew il-metodoloġiji wara l-kalkolu tagħhom għandhom jiġu approvati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom minn awtorità regolatorja msemmija fl-Artikolu 25(1) u li dawk it-tariffi - u l-metodoloġiji fejn il-metodoloġiji biss huma approvati - jiġu ppubblikati qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ."

6 Ir-Regolament Nru 1775/2005, jippreċiża fl-Artikolu 3(1) tiegħu:

"It-tariffi, jew il-metodoloġiji użati sabiex dawn jiġu kalkolati, applikati minn operaturi tas-sistema [tan-netwerk] ta' trasmissjoni u approvati mill-awtoritajiet regolatorji skond l-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2003/55[...] għandhom ikunu trasparenti, jieħdu kont tal-ħtieġa ta' l-integrità tas-sistema u t-titjib tagħha u jirriflettu l-ispejjeż effettivament magħmula, sa fejn dawn l-ispejjeż jikkorrispondu ma' dawk ta' operatur effiċjenti u strutturalment komparabbli tan-netwerk u jkunu trasparenti filwaqt li jinkludu qligħ xieraq fuq l-investimenti, u fejn ikun il-każ b'kont meħud tal-benchmarking ta' tariffi mill-awtoritajiet regolatorji. It-tariffi, jew il-metodoloġiji użati sabiex dawn jiġu kalkolati, għandhom jiġu applikati b'mod non-diskriminatorju.

[...]"

Id-dritt nazzjonali hekk kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari

7 Fil-Belġju, id-distribuzzjoni tal-gass naturali huwa rregolat mil-liġi tat-12 ta' April 1965, dwar it-trażmissjoni ta' prodotti tal-gass u prodotti oħra permezz ta' pajpijiet (Moniteur belge tas-7 ta' Mejju 1965, p. 5260). Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-dispożizzjonijiet rilevanti fir-rigward tal-kawża prinċipali fil-mument li ngħatat din id-deċiżjoni kienu dawk li jirriżultaw minn din il-liġi kif emendata bil-liġi tal-10 ta' Marzu 2009 li temenda l-liġi tat-12 ta' April 1965 dwar it-trażmissjoni ta' prodotti tal-gass u prodotti oħra permezz ta' pajpijiet (Moniteur belge tal-31 ta' Marzu 2009, p. 25173, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-gass").

8 L-Artikolu 1(7a) tal-liġi dwar il-gass jiddefenixxi lit-"tranżitu" kif ġej:

"L-attività li tikkonsisti fit-trażmissjoni tal-gass naturali mingħajr id-distribuzzjoni jew il-provvista tal-gass naturali fit-territorju Belġjan."

9 L-Artikolu 15/5*quater* ta' din il-liġi jipprovdi:

"§ 1 L-operatur tan-netwerk għat-trażmissjoni tal-gass naturali, l-operatur tal-installazzjoni għall-ħażna tal-gass naturali, l-operatur tal-installazzjoni ta' [gass naturali mdewweb] għandhom jissottomettu, individwalment, talba għall-approvazzjoni tat-tariffi rispettivi tagħhom lill-[CREG], kif ukoll tat-tariffi għas-servizzi awżiljari. Għandhom jippubblikaw, fuq bażi individwali, dawn it-tariffi approvati għall-attivitajiet rispettivi, skont l-indikazzjonijiet mogħtija f'dan il-kapitolu.

[...]

§ 4. L-operaturi għandhom jippreżentaw, għall-approvazzjoni tal-[CREG], proposta fir-rigward tad-dħul u tat-tariffi, imħejjija abbażi tad-dħul totali stabbilit fl-Artikolu 15/5*bis*.

[...]"

10 L-Artikolu 15/5*quinquies* (1) tal-Liġi dwar il-gass tistabbilixxi:

"[...] id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu u tad-digriet irjali tat-8 ta' Ġunju 2007 dwar il-metodoloġija għad-determinazzjoni tad-dħul totali, inkluża l-marġni ġusta, l-istruttura ġenerali tat-tariffi, il-prinċipji bażilari applikabbli għat-tariffi, il-proċeduri, il-pubblikazzjoni tat-tariffi, ir-rapporti annwali, il-kontabbiltà, il-kontroll tal-ispejjeż, id-differenzi fid-dħul tal-operaturi u l-formula oġġettiva għall-indiċijar, li jaqgħu taħt il-Liġi tat-12 ta' April 1965 dwar it-trażmissjoni ta' prodotti tal-gass u prodotti oħra permezz ta' pajpijiet, fil-verżjoni tagħha ppubblikata fil- Moniteur belge tad-29 ta' Ġunju 2007, huma applikabbli għat-tariffi ta' tranżitu tal-gass naturali u għall-operatur tan-netwerk tat-trażmissjoni tal-gass naturali li jeżerċita l-attività ta' tranżitu, b'riżerva għad-derogi segwenti:

1° it-tariffi japplikaw għall-perijodi stabbiliti kuntrattwalment bejn l-operatur tan-netwerk tat-trażmissjoni u l-utenti ta' dak in-netwerk;

2° biex tiġi garantita l-istabbiltà tal-prezz għat-terminu miftiehem, il-perijodu regolatorju msemmi fl-Artikolu 15/5*bis* (2), jista' jeċċedi l-erba' snin;

3° il-marġni ġusta għat-tranżitu għandha tiġi stabbilita skont l-Artikoli 4 sa 8 tad-digriet irjali tat-8 ta' Ġunju 2007, iċċitat iktar 'il fuq, bil-kundizzjoni li:

a) il-valur inizjali tal-assi suġġetti għal regolazzjoni u użati għat-tranżitu fil-31 ta' Diċembru 2007 ikun approvat mill-[CREG] fuq proposta tal-operatur, fid-dawl tal-installazzjonijiet tat-trażmissjoni kollha li jinsabu fil-Belġju u li jintużaw għat-tranżitu;

b) ir-riżultat tal-koeffiċjent beta u l-primjum tar-riskju, bħala komponent tar-rata tal-valur R stabbilit fl-Artikolu 6 tad-digriet irjali ppreċitat, huwa stabbilit għal 7 %;

[...]"

11 L-Artikolu 15/19 tal-Liġi dwar il-gass jipprovdi li l-kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Lulju 2004 skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/296/KEE, tal-31 ta' Mejju 1991, dwar it-transitu ta' gass naturali permezz ta' linji ta' forniment [networks] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 1, p. 151) (iktar 'il quddiem il-"kuntratti storiċi"), jibqgħu validi u jibqgħu jiġu implementati skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

12 Fl-2007, skont l-Artikolu 15/5*quinquies* tal-Liġi dwar il-gass, Fluxys ippreżentat lill-CREG, xi proposti tariffarji għall-approvazzjoni li rrigwardaw, minn naħa, l-attivitajiet ta' tranżmissjoni tal-gass intiz sabiex jiġi ddistribwit fi Stat Membru ieħor (iktar 'il

quddiem it-"tranżitu"), u min-naħa l-oħra, l-attivitajiet ta' tranżmissjoni tal-gass intiż għad-distribuzzjoni fil-Belġju (iktar 'il quddiem it-"trasport") u ta' ħażna, li kollha jirrigwardaw il-perijodu bejn l-2008 sal-2011.

13 Fir-rigward tal-proposti tariffarji għall-attivitajiet ta' tranżitu, il-CREG adottat żewġ deċiżjonijiet, fil-15 ta' Mejju u fis-6 ta' Ġunju 2008, rispettivament. B'sentenza tal-cour d'appel de Bruxelles, tal-10 ta' Novembru 2008, l-effetti ta' dawn id-deċiżjonijiet ġew sospiżi, minħabba n-natura *prima facie* illegali tagħhom.

14 Fir-rigward tal-proposti tariffarji ta' Fluxys dwar l-attivitajiet ta' trasport u ta' ħażna, il-CREG irrifjutat li tapprovahom u stabbilixxiet hija stess, b'deċiżjoni tad-19 ta' Diċembru 2007, xi tariffi proviżorji, u barra minn hekk ordnat lil din l-impriża sabiex tippreżenta baġit ġdid b'proposti tariffarji ġodda. Wara l-preżentata ta' dawn il-proposti, il-CREG adottat, fis-6 ta' Ġunju 2008, deċiżjoni ġdida, li permezz tagħha stabbilixxiet it-tariffi proviżorji għall-attivitajiet ta' trasport u ta' ħażna. F'din id-deċiżjoni hija indikat li ma kinitx f'pożizzjoni, fuq il-bażi tal-elementi pprovduti minn Fluxys, sabiex tistabbilixxi l-allokazzjoni tal-ispejjeż għall-attivitajiet differenti ta' tranżmissjoni mwettqa minnha u għaldaqstant wettqet kalkolu ġdid billi qasmet l-ispejjeż bejn dawn l-attivitajiet. Fuq il-bażi ta' dan il-kalkolu, il-CREG iddeċidiet li tistabbilixxi, għall-attivitajiet ta' trasport, xi tariffi li kienu nqas minn dawk proposti minn din il-kumpannija.

15 Billi kkontestat il-metodu applikat mill-CREG sabiex tistabbilixxi t-tariffi ta' trasport u ta' ħażna, Fluxys bdiet proċeduri, fis-27 ta' Ġunju 2008, quddiem il-cour d'appel de Bruxelles, intiżi sabiex tikseb is-sospensjoni u l-annullament tal-imsemmija deċiżjoni tas-6 ta' Ġunju 2008, li tirrigwarda dawn it-tariffi. Hija sostniet li l-CREG kienet ipproċediet b'mod żbaljat għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' parti mill-ispejjeż tal-operat tal-attività ta' trasport lejn dik ta' tranżitu. Fluxys sostniet b'mod partikolari li l-CREG

ma rrispettatx il-Liġi dwar il-gass, li tistabbilixxi regoli għall-kalkolu ta' tariffi distinti għall-attivitajiet ta' tranżitu minn naħa, u għal dawk ta' trasport u ta' ħażna min-naħa l-oħra, billi applikat l-istess regoli għal dawn l-attivitajiet kollha.

16 Fil-kawża prinċipali, il-CREG irrilevat, fost affarijiet oħrajn, li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-Direttiva 2003/55, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik fis-seħħ fid-dritt Belġjan, li tistabbilixxi metodu għad-determinazzjoni tat-tariffi distint għat-tipi differenti ta' tranżmissjoni tal-gass naturali.

17 Fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-cour d'appel de Bruxelles enfasizzat li s-soluzzjoni tal-kawża hija marbuta mal-eżami tal-leġiżlazzjoni Belġjana, b'mod partikolari l-Artikolu 15/5*quinquies* tal-Liġi dwar il-gass, kif emendata bil-Liġi dwar il-gass tal-2009, li minnha jirriżulta li, il-metodu li bih jiġu stabbiliti t-tariffi tal-attivitajiet ta' tranżitu, huwa differenti minn dak li bih jiġu stabbiliti t-tariffi tal-attivitajiet l-oħra ta' tranżmissjoni ta' gass naturali. Skont din il-leġiżlazzjoni, sabiex jiġu stabbiliti t-tariffi tal-attivitajiet ta' tranżitu, l-ispejjeż marbuta mal-użu tan-network għall-attivitajiet kollha ta' amministrazzjoni ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-qorti tar-rinviju ssospendiet id-deċiżjoni tal-CREG tas-6 ta' Ġunju 2008.

18 F'dawn il-kundizzjonijiet, il-cour d'appel de Bruxelles iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda li ġejja:

"L-Artikoli 1, 2 u 18 tad-Direttiva [2003/55] u l-Artikolu 3 tar-Regolament [1775/2005] jipprekludu lil-liġijiet nazzjonali milli jistabbilixxu sistema ta' tariffi speċifika għall-attività ta' tranżitu, li tidderoga mir-regoli li jirregolaw l-attività tat-trasport, filwaqt li joħolqu fi ħdan l-attività tat-trasport, distinzjoni bejn 'trasport' u 'tranżitu'?"

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19 B'ittra tas-7 ta' April 2010, li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' April ta' wara, ir-rappreżentanti ta' Fluxys informaw lill-Qorti tal-Ġustizzja li "[kien] intlaħaq ftehim mal-CREG […] fuq l-applikazzjoni ta' sistema tariffarja li ma għadhiex ibbażata fuq distinzjoni bejn it-tranżmissjoni għall-finijiet nazzjonali u t-tranżitu, iżda li tirrifletti, fuq il-bażi tal-istess metodoloġija, l-ispejjeż tas-servizzi pprovduti għal kull attività u li huma adattati". Din l-ittra semmiet ukoll il-fatt li "kif previst f'dan il-ftehim, Fluxys irrinunzjat għall-motivi tagħha invokati quddiem il-cour d'appel de Bruxelles kontra d-deċiżjonijiet tal-CREG, inklużi dawk marbuta mad-distinzjoni [bejn] it-tranżitu u t-tranżmissjoni nazzjonali", bl-unika eċċezzjoni ta' motiv li jirrigwarda l-kuntratti storiċi li jibbenefikaw minn eċċezzjoni.

20 Wara li rċeviet din l-ittra, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet lill-qorti tar-rinviju sabiex tindikalha l-konsegwenzi ta' din ir-rinunzja fir-rigward tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari.

21 B'ittra li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Mejju 2010, il-cour d'appel de Bruxelles għarrfet li kienet ser iżżomm it-talba għal deċiżjoni preliminari, peress li, minkejja r-rinunzja parzjali ta' Fluxys, id-deċiżjoni tal-CREG, tas-6 ta' Ġunju 2008, ma ġietx irtirata u "Fluxys żammet it-talba tagħha għall-annullament" ta' din id-deċiżjoni sa fejn tirrigwarda l-motivi l-oħra tar-rikors li ma ġewx irtirati, li jirrigwardaw in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-Liġi dwar il-gass fir-rigward tal-metodu ta' kalkolu tat-tariffi. Barra minn hekk, hija informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li, skont l-Artikolu 825 tal-Kodiċi ġudizzjarju Belġjan, il-validità tar-rinunzja parzjali ta' Fluxys "hija suġġetta għal qbil tal-parti l-oħra" u li, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, il-CREG ma aċċettatx din ir-rinunzja. Fl-aħħar, hija żżid li, "fir-rigward [ta'] suġġett li

jaqa' taħt l-ordni pubbliku", hija għandha ġurisdizzjoni sħiħa, fis-sens li hija ma hijiex obbligata li tiddeċiedi biss fuq il-bażi tal-motivi invokati mill-partijiet.

22 B'ittra li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Ġunju 2010, il-Gvern Belġjan informa lill-Qorti tal-Ġustizzja li, wara intimazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 258 TFUE li tirrigwarda l-Liġi dwar il-gass, din ġiet emendata bil-liġi tad-29 ta' April 2010 li temenda l-liġi tat-12 ta' April 1965 dwar it-tranżmissjoni tal-prodotti tal-gass u prodotti oħra permezz ta' pajpijiet fir-rigward tat-tariffi ta' tranżitu (Moniteur belge tal-21 Mejju 2010, p. 31397).

23 Mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li, permezz ta' sentenza tat-8 ta' Lulju 2010, il-Qorti Kostituzzjonali Belġjana annullat *ex tunc* il-liġi msemmija iktar 'il fuq tal-10 ta' Marzu 2009, b'mod partikolari minħabba l-fatt li din tmur kontra d-Direttiva 2003/55 u r-Regolament Nru 1775/2005.

Fuq it-talba għall-ftuħ mil-ġdid tal-proċedura orali.

24 B'ittra tas-17 ta' Novembru 2010, il-CREG talbet li tinfetaħ mill-ġdid il-proċedura orali billi sostniet, essenzjalment, li għandha tkun is-suġġett ta' dibattitu bejn il-partijiet "il-kwistjoni tal-validità kif ukoll tal-applikazzjoni *ratione temporis* tal-eċċezzjoni dwar il-kuntratti [storiċi] stabbiliti mill-Artikolu 32(1) tad-direttiva dwar il-gass", peress li l-Avukat Ġenerali bbaża ruħu, fil-konklużjonijiet tiegħu, fuq elementi u kunsiderazzjonijiet li kienu kompletament ġodda u li dwarhom il-CREG ma setgħetx tippreżenta xi osservazzjonijiet.

25 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' *ex officio* jew fuq proposta tal-Avukat Ġenerali, jew anki fuq talba tal-partijiet, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, skont l-Artikolu 61 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, jekk tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew li l-kawża għandha tiġi deċiża abbażi ta' argument li ma ġiex diskuss bejn il-partijiet (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, C-42/07, Ġabra p. I-7633, punt 31 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

26 Bil-kontra, l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u r-Regoli tal-Proċedura ta' din tal-aħħar ma jipprevedux il-possibbiltà li l-partijiet jippreżentaw osservazzjonijiet bħala risposta għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali (ara s-sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32).

27 Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li f'każ fejn ma hemmx iktar lok li tingħata risposta għad-domanda preliminari, għandha tiġi miċħuda t-talba għall-ftuħ mil-ġdid tal-proċedura orali.

Fuq ir-rinviju preliminari

28 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li huma biss il-qrati nazzjonali li quddiemhom jitressqu l-kawżi u li għandhom jassumu r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li tkun ser tingħata li għandhom jikkunsidraw, fid-dawl tal-karatteristiċi ta' kull kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex ikunu f'pożizzjoni

li jagħtu d-deċiżjoni tagħhom kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li huma jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 1995, Zabala Erasun *et*, C-422/93 sa C-424/93, Ġabra p. I-1567, punt 14).

29 Madankollu, billi tagħmel użu mis-setgħa diskrezzjonali tagħha, il-qorti nazzjonali tissodisfa, flimkien mal-Qorti tal-Ġustizzja, funzjoni li ġiet attribwita lilhom b'mod komuni fid-dawl li jiġi żgurat ir-rispett tal-liġi fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-problemi li jista' jqajjem l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali minn qorti nazzjonali u r-rapporti li jista' ikun hemm fil-kuntest tal-Artikolu 267 TFUE mal-Qorti tal-Ġustizzja jaqgħu esklussivament taħt ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza Zabala Erasun *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 15).

30 Għal dan il-għan, huwa indispensabbli li l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tal-kawża prinċipali, peress li l-informazzjoni mogħtija fid-deċiżjoni ta' rinviju ma sservix biss sabiex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposti utili, iżda sabiex tagħti wkoll lill-Gvernijiet tal-Istati Membri, kif ukoll lil partijiet oħra kkonċernati, il-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiżgura li din il-possibbiltà tkun imħarsa, fid-dawl tal-fatt li, skont din id-dispożizzjoni, id-deċiżjonijiet ta' rinviju biss huma nnotifikati lill-partijiet ikkonċernati (ara s-sentenza tal-1 ta' April 1982, Holdijk *et*, 141/81 sa 143/81, Ġabra p. 1299, punt 6, kif ukoll id-Digriet tat-28 ta' Ġunju 2000, Laguillaumie, C-116/00, Ġabra p. I-4979, punt 14).

31 Għaldaqstant, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun tista' tafda kemm jista' jkun l-evalwazzjoni tal-qorti nazzjonali tal-estent tan-neċessità tad-domandi preliminari, għandha tkun f'pożizzjoni sabiex tkun tista' tagħmel evalwazzjoni inerenti sabiex tissodisfa l-funzjoni tagħha, b'mod partikolari, sabiex tivverifika jekk għandhiex

ġurisdizzjoni, jekk ikun il-każ, bħalma huwa l-obbligu ta' kull qorti (sentenza Zabala Erasun *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 16).

32 Fil-kawża preżenti, mill-ittri ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja wara li ġiet ippreżentata t-talba għal deċiżjoni preliminari, jirriżulta li, minn naħa, Fluxys irrinunzjat għall-motivi ppreżentati quddiem il-qorti tar-rinviju rigward l-illegalità tal-metodu li bih ġew stabbiliti t-tariffi applikati mill-CREG fid-deċiżjoni kkontestata quddiem il-qorti tar-rinviju u li ma baqgħatx titlob l-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati quddiem il-cour d'appel de Bruxelles, ħlief fir-rigward tal-kuntratti storiċi li jibbenefikaw minn eċċezzjoni skont l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2003/55. Min-naħa l-oħra, wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Lulju 2010, il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli mill-qorti tar-rinviju ma għadhiex dik meħuda inkunsiderazzjoni fil-kuntest tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss tikkonstata, minn naħa, li l-kuntest ġuridiku nazzjonali tal-kawża prinċipali ma għadux dak deskritt mill-cour d'appel de Bruxelles fid-deċiżjoni tagħha għar-rinviju, minkejja li, skont din il-qorti, ir-regoli nazzjonali applikabbli mill-ġdid wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija iktar 'il fuq iqajmu l-istess kwistjoni fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħhom mad-dritt tal-Unjoni bħal dawk annullati minn din is-sentenza u, min-naħa l-oħra, li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma baqgħatx tinvoka ksur mill-CREG tal-Artikolu 15/5*quinquies* tal-Liġi dwar il-gass.

34 Minn dan jirriżulta li, b'kunsiderazzjoni tal-evoluzzjoni tal-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju, kemm mill-perspettiva proċedurali u kemm minn dik tal-liġi applikabbli, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għadhiex f'pożizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq id-domanda ppreżentata quddiemha.

Fuq l-ispejjeż

35 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi li:

Ma hemmx lok li tingħata risposta għad-domanda preliminari magħmula fil-Kawża C-241/09.

Firem